DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1501

tal-14 ta' Ottubru 2020

dwar il-valutazzjoni magħmula skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjoni temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 mogħtija mill-Ġermanja

(notifikata bid-dokument C(2020) 6891)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 71(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sal-25 ta' Frar 2020, l-awtorità kompetenti Luftfahrt-Bundesamt ('LBA'), f'isem il-Ġermanja, innotifikat lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni ("l-Aġenzija" jew l-"EASA") u lill-Istati Membri l-oħra li kienet tat eżenzjoni lil Lufthansa Technik AG mill-konformità mal-punt 145.A.42 tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ([2]). Skont dak il-punt, organizzazzjoni approvata skont il-Parti-145 għandha tiżgura li l-komponenti li jkunu f'kundizzjoni sodisfaċenti u maħruġa b'Formola 1 tal-EASA jew ekwivalenti biss jiġu installati fuq inġenju tal-ajru jew komponent ieħor u li d-*data* tal-manutenzjoni applikabbli tispeċifika l-komponent, il-parti standard jew il-materjal partikolari.

(2) L-eżenzjoni ngħatat mil-LBA fil-kuntest ta' proġetti futuri taċ-Ċertifikat tat-Tip Supplimentari ("STC") u tippermetti lil Lufthansa Technik AG ma tikkonformax, f'ċerti każijiet, mal-punt 145.A.42 tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għal ċerti komponenti li għandhom jiġu installati minn Lufthansa Technik AG u li kienu ġew manifatturati bħala komponent prototip.

(3) L-LBA tispjega li fil-passat xi wħud mill-komponenti prototipi, li ġew installati minn Lufthansa Technik AG fuq xi inġenji tal-ajru, sussegwentement ma setgħux jiġu ċċertifikati mill-ġdid mill-manifattur tagħhom bħala konformi mad-*data* tad-disinn tal-modifika ladarba l-modifika ġiet approvata bil-ħruġ ta' STC. L-LBA tirreferi għal każijiet fejn il-manifattur kien ibbażat fl-Istati Uniti u ċertifikazzjoni mill-ġdid ma kinitx possibbli wara li l-komponent kien telaq mingħand il-manifattur u għal każijiet fejn il-manifattur sar insolventi qabel ġiet approvata d-*data* tad-disinn. L-LBA tispjega li f'dawk il-każijiet iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' dawk il-komponenti jew ma kinitx possibbli jew ħolqot piż amministrattiv li dewwem ir-ritorn tal-inġenju tal-ajru fis-servizz, u b'ħekk ma ppermettietx lil Lufthansa Technik AG tissodisfa l-ordnijiet tal-klijenti u ħolqot riskju finanzjarju u ekonomiku.

(4) L-eżenzjoni mogħtija mil-LBA ma tispeċifikax il-prodotti jew il-proġetti li fir-rigward tagħhom Lufthansa Technik AG ġiet eżentata mill-konformità mal-punt 145.A.42 tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 u li għalihom tista' taċċetta l-installazzjoni ta' komponenti mhux konformi. L-LBA tispjega li Lufthansa Technik AG għandha ġejjin għadd żgħir ta' proġetti ta' STC, fejn jistgħu jinqalgħu problemi bħal dawn u fejn jista' jkun li Lufthansa Technik AG ma tkunx tista' tikkonforma mal-punt 145.A.42 tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014. L-eżenzjoni ngħatat b'antiċipazzjoni għal dawk il-problemi possibbli biex jiġi evitat dewmien għar-ritorn fis-servizz tal-inġenji tal-ajru modifikati fil-futur. L-eżenzjoni hija valida mit-13 ta' Frar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021 u għalhekk taqbeż il-perjodu ta' tmien xhur konsekuttivi.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

(5) Bħala mitigazzjoni għan-nuqqas ta' konformità mal-punt 145.A.42 tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, l-eżenzjoni tipprevedi li Lufthansa Technik AG titħalla toħroġ inġenji tal-ajru b'komponenti prototipi abbażi ta' proċedura alternattiva li tinvolvi tqabbil tal-istatus ta' ċertifikazzjoni ta' kull komponent bħal dan mad-*data* tad-disinn approvata miksuba wara li jkun tlesta l-proċess ta' approvazzjoni korrispondenti tal-STC.

(6) Wara li saret valutazzjoni, fis-16 ta' Lulju 2020, l-Aġenzija ħarġet rakkomandazzjoni negattiva dwar l-eżenzjoni mogħtija mil-LBA.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija.

(8) Skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139, Stat Membru jista' jagħti eżenzjoni biss lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika soġġetta għal dak ir-Regolament f'każ ta' ċirkostanzi urġenti mhux prevedibbli li jkunu qed jaffettwaw lil dawk il-persuni jew fil-każ tal-ħtiġijiet operazzjonali urġenti ta' dawk il-persuni u sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-punti (a) sa (d) ta' dak l-Artikolu.

(9) Fir-rigward ta' "ċirkostanzi urġenti mhux prevedibbli" jew "ħtiġijiet operazzjonali urġenti", il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni mhijiex iġġustifikata minn ċirkostanzi urġenti mhux prevedibbli li jaffettwaw lil Lufthansa Technik AG jew minn ħtiġijiet operazzjonali urġenti ta' Lufthansa Technik AG kif meħtieġ mill-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139. L-eżenzjoni ngħatat b'antiċipazzjoni ta' kwistjonijiet possibbli u futuri biċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-komponenti prototipi. Filwaqt li xi wħud minn dawk il-kwistjonijiet jistgħu tabilħaqq ikollhom karattru imprevedibbli, bħall-falliment tal-fornitur, jew jirriżultaw fi ħtieġa operazzjonali li l-inġenju tal-ajru jitqiegħed fis-servizz, dawk il-kwistjonijiet la mmaterjalizzaw u lanqas kienu waslu biex jimmaterjalizzaw fil-mument tal-ħruġ tal-eżenzjoni. B'mod partikolari, il-Ġermanja ma pprovdiet l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li ċerti manifatturi indikaw lil *Lufthansa Technik AG* li mhumiex se jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu l-komponenti bid-dikjarazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni meħtieġa fir-rigward ta' ċerti proġetti. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżit ta' urġenza mhuwiex issodisfat f'dan il-każ.

(10) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni ma tissodisfax il-limitazzjonijiet meħtieġa fl-ambitu u fit-tul taż-żmien tagħha kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139. Filwaqt li l-eżenzjoni tinħareġ biss għall-każijiet fejn ma tkunx possibbli ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' prototip, l-eżenzjoni effettivament tapplika għal kwalunkwe proġett ta' STC imwettaq matul il-perjodu ta' applikabbiltà tiegħu u għal għadd illimitat ta' komponenti possibbli li jiġu installati b'appoġġ għal tali proġett(i) ta' STC. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-LBA ma wrietx li l-eżenzjoni hija limitata fiż-żmien għal dak li huwa strettament meħtieġ. Filwaqt li l-eżenzjoni mistennija tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021, l-LBA ma ġġustifikatx b'mod konvinċenti kif din id-*data* ta' skadenza hija marbuta maċ-ċirkostanzi jew mal-ħtiġijiet li jeħtieġu din l-eżenzjoni.

(11) Bħala konsegwenza ta' dan, l-eżenzjoni mogħtija mil-LBA ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-eżenzjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 145.A.42 tal-Anness II (Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, mogħtija mill-Ġermanja, u nnotifikata lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħra fil-25 ta' Frar 2020, li tippermetti lil Lufthansa Technik AG ma tikkonformax, f'ċerti ċirkostanzi, mal-punt 145.A.42 għal ċerti komponenti li għandhom jiġu installati minn Lufthansa Technik AG u li kienu ġew manifatturati bħala komponent prototip, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni